# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2002**

**Numru 39**

**Avviz numru 899/01DM**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Jamie Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permess ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tliet elef, seba' mija u hames liri Maltin (Lm3705) rapprezentanti import ta' disa' u tletin (39) kambjala, kollha ta' hamsa u disghin lira maltin (Lm95) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju 1998 sa Settembru 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti minn numru 1 sa 39 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-20 ta' Settembru 2001 jammontaw ghal Lm524, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 27 ta' April, 1999.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kambjalijiet originali, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tliet elef sebgha mija u hames liri maltin (Lm3705) bhala import tal-kambjalijiet esebiti u s-somma wkoll ta' hames mija erba u ghoxrin lira maltin (Lm524) bhala imghaxijiet ga skaduti sal-20 ta' Settembru, 2001 bl-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Settembru, 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va